V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9396 — CapMan/CBRE/Norled)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 219/05)

1. Fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CapMan Amill-AIFM Oy ("CapMan", il-Finlandja),

— CBRE Caleledon Capital Management Inc. ("CBRE", il-Kanada),

— Norled AS ("Norled", in-Norveġja).

CapMan u CBRE jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Norled kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CapMan: ġestjoni tal-fond ta' investiment CapMan Nordic Infrastructure I SCSP stabbilit fil-Lussemburgu. CapMan huwa parti mill-CapMan Group, kumpanija Nordika privata tal-ġestjoni tal-assi u tal-investiment bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Ħelsinki, il-Finlandja.

— CBRE: tikkontrolla l-fond ta' investiment CBRE Caledon Noah Aggregatur LP stabbilit f'Ontario, il-Kanada. CBRE hija sussidjarja indiretta ta' CBRE Group, ditta ta' servizzi tal-proprjetà immobbli kummerċjali u ta' investiment, bil-kwartieri ġenerali f'Los Angeles, l-Istati Uniti tal-Amerika.

— Norled: fornitur ta' servizzi ta' laneċ u ta' dgħajjes express fin-Norveġja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

F'konformità mal-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9396 — CAPMAN/CBRE/NORLED

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË